MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 376/2003

**M. Demajo (Timbers) Ltd**

**Vs**

**Farrugia and Tabone Company Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, erba' mija erbgha u sebghin Liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm3474.28) rapprezentanti prezz ta' merkanzija lis-socjeta konvenuta mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata tmintax (18) ta' Frar 2003 u tal-mandat ta' sekwestru prezentat mal-avviz u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-nota tal-istess socjeta’ attrici (fol 9 tal-atti) u li biha l-istess socjeta attrici cediet l-atti tal-kawza stante pagament tas-sorte fil-mori tal-kawza waqt li zammet ferm il-kap tal-ispejjes.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fit-22 ta' Ottubru 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu ta’ dan il-kaz tilqa t-talba attrici in rigward l-ispejjes u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici l-ispejjes ta’ dawn il-proceduri inklusi dawk tal-ittra legali tat-18 ta’ Frar 2003 u tal-mandat kawtelatorju ta’ sekwestru tal-21 ta‘ Lulju 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------